MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 1158/2009/3

**L-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bhala mandatarju specjali**

**Ta' l-assenti Martin Hagedorn ta' Provstevaenget 6, 4000**

**Roskilde, Danimarka u detentur ta' Passaport Daniz**

**numru 20340040 u tal-kumpannija estera**

**ASA Automotive Holding Limited ta' 1, Alvanos Street,**

**Maria House 5th Floor, 1075 Nicosia, Cipru**

**(numru ta' registrazzjoni 220157)**

**v.**

**1. Car One Europe Limited (C44758)**

**u**

**2. Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-15 ta' Marzu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Manuel Antelo ta' Estancia San Jacinto, Castilla de Correo 26, Cuartel 17, Mercedes (CP6600), Provincia de Buenos Aires, Argentina u detentur ta' Passaport Argentin numru 10866847N kemm personalment kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' rapprezentant legali ghan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija estera Two Continent Logistics SL, registrata gewwa Spanja, b'indirizz ufficjali C/Josefa Valcarcel 40, 28027, Madrid Spanja u**

**numru ufficjali I26284 F 173 H M473655); u**

***u***

**3. Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b`digriet tal-15 ta' Marzu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-kumpannija estera Emerging Countries Venture Capital Limited, ta' trident Chambers, Road Town, tortola, British Virgin Islands (numru ta' registrazzjoni 159703); u**

***u***

**4. Alejandro diCesare ta' Juan de Herrera Nr 26, Piso 1,**

**Depto 2, SS de Los Reyes CP28703, Madrid, Spanja,**

**detentur ta' Passaport Argentin numru 16296479N**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur nomine tat-12 ta' Gunju, 2014, li jaqra hekk:

"Illi l-bierah fil-11 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu l-esponent gie infurmat illi l-kawza de quo"giet dezerta fid-29 ta' April, 2014" (Dok X1);

Illi din il-kawza kienet giet differita sine die wara rikors illi ghamel l-esponent nomine stess fit-13 ta' April, 2012 li permezz tieghu talab illi din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi f'dak ir-rikors, joghogobha:

"1. Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari dwar il-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif sollevati minn uhud mill-intimati, liema sentenza kienet ser tinghata fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2012; u

"2. Tissospendi l-kawza odjerna billi tiddifferiha sine die b'mod illi tkun riappuntabbli b'rikors ta' kwalunkwe parti fil-kawza fi zmien tlett xhur minn meta jigi deciz finalment l-arbitragg gewwa Franza u dan kif kontemplat fl-Artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."  (emfasi mizjud) (Dok X");

"Illi b'digriet li nghata fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2012 il-Qorti laqghet it-tieni talba b'mod shih u minghajr rizervi (Dok X3);

"Illi dan id-digriet rega gie kkonfermat minn dina l-Onorabbli Qorti stess permezz ta' digriet iehor moghti minnha fit-12 ta' Gunju, 2012 wara rikors illi kien sar mill-konvenuti fit-28 ta' Marzu, 2012 u fil-fatt tenniet illi l-istess Qorti "tikkonferma d-digriet taghha tat-22 ta' Marzu, 2012 fejn halliet il-kawza sine die" (Dok X4);

“Illi kif jirrizulta mill-atti l-kawza thalliet sine die ghaliex fil-mori tal-kawza kien gie intavolat arbitragg gewwa Parigi bejn l-istess partijiet dwar l-istess mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk l-esponent nomine talab illi l-kawza tigi sospiza sakemm jigi deciz l-arbitragg;

“Illi sad-data tal-lum is-sentenza fl-arbitragg ghadha ma nghatatx stante illi t-tribunal tal-arbitragg talab aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza li issa hija skedata li tinghata fid-29 ta’ Awwissu, 2014;

“Illi a tenur tal-Artikolu 964 tal-Kapitolu 12 ta’ Malta (li permezz taghha saret it-talba originali biex il-kawza tmur sine die), meta kawza tkun giet sospiza sakemm tigi deciza kawza ohra, iz-zmien perentorju ta’ sitt xhur ghad-deserzjoni tal-kawza jibda ghaddej mid-data meta din is-sentenza tkun moghtija;

“Illi ghalhekk, skont id-disposizzjoni tal-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 sakemm ma tinghata s-sentenza fl-arbitragg u sakemm jghaddu sitt xhur mid-data tal-istess sentenza l-kawza odjerna ma tistax tigi dezerta;

“Illi barra minn hekk it-talba tal-esponent kif dedotta minnu u cioe` illi l-kawza tigi differita sine die b’mod li tkun riapuntabbli fi zmien tlett xhur minn meta jigi deciz finalment l-arbitragg gewwa Parigi kien gie milqugh minghajr rizervi u ghalhekk ukoll il-kawza ghandha titqies illi ghadha riappuntabbli;

“Illi jidher ghalhekk illi sar xi zball fis-sens illi l-kawza qed tigi erronjament meqjusa illi hija dezerta, haga illi ser tippregudika serjament u ingustament lill-attur nomine;

“Ghaldaqstant l-esponent nomine jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“(1) tiddikjara li l-kawza odjerna fl-ismijiet premessi ma hijiex dezerta ghaliex ghadu ma skadiex iz-zmien kontemplat fl-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew ghaliex ma ghaddiex it-terminu kontemplati fid-digrieti taghha tat-22 ta` Marzu 2012 (Dok X3) u tat-12 ta` Gunju 2012 (Dok X4) ; u

“(2) tordna lir-Registratur tal-Qrati Superjuri ta` Malta sabiex jekk ikun il-kaz jiehu l-passi kollha mehtiega biex il-kawza odjerna terga` titqieghed fuq il-lista tal-kawzi pendenti jew illi ghad iridu jigu decizi u kull pass iehor xieraq ghal dan il-ghan ; u

“(3) tordna illi l-ittra hawn annessa datata 4 ta` Gunju 2014 (Dok X1) tigi rtirata.

“U dan skont il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Jannar, 2015, li in forza taghha cahdet it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fl-udjenza tat-**12 ta` Settembru 2011** (fol 606) il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-gurisdizzjoni.

“Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghal dak l-iskop ghat-**22 ta` Marzu 2012**.

“Fit-**13 ta` Marzu 2012**, l-attur noe pprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex : 1) *tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari dwar il-gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti kif sollevati minn uhud mill-intimati, liema sentenza kienet ser tinghata fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2012 ; u* 2)

*tissospendi l-kawza odjerna billi tiddifferiha sine die b`mod illi tkun riappuntabbli b`rikors ta` kwanukwe parti fil-kawza fi zmien tlett xhur minn meta jigi deciz finalment l-arbitragg gewwa Franza u dan kif kontemplat fl-artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

"**Fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2012, il-Qorti pprovdiet dwar ir-rikors tat-13 ta` Marzu 2012 billi : 1) laqghet l-ewwel talba u ghalhekk issospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti sollevati minn uhud mill-intimati, u 2) laqghet it-tieni talba u halliet il-kawza *sine die.***

"Fit-**28 ta` Marzu 2012**, il-konvenuti pprezentaw rikors fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkunsidra mill-gdid id-decizjoni taghha tat-22 ta` Marzu 2012, tghaddi ghalhekk biex tichad ir-rikors tat-13 ta` Marzu 2012, u terga` tirriappunta l-kawza ghas-smigh.

"Fl-udjenza tat-**12 ta` Gunju 2012**, il-Qorti pprovdiet dwar ir-rikors tat-28 ta` Marzu 2012 billi cahdet it-talba tal-konvenuti u kkonfermat id-digriet taghha tat-22 ta` Marzu 2012.

"Fil-**11 ta` Settembru 2012**, l-attur noe pprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex terga` tirriappunta l-kawza ghas-smigh.

"Fis-**27 ta` Settembru 2012**, il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012 fid-9.00 a.m.

"Fl-udjenza tat-**30 ta` Ottubru 2012**, sar dan il-verbal :-

"*Meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet.*

"*Dr Vella Falzon informa l-Qorti illi filwaqt illi l-proceduri ta` l-arbitragg gewwa Franza ghadhom ghaddejjin, fil-proceduri hawn Malta gie pprezentat rikors ta` l-appell mill-konvenuti dwar id-digriet ta` din il-Qorti fejn din il-kawza kienet thalliet sine die. Ghaldaqstant Dr Vella Falzon qieghed jitlob illi l-kawza terga` tmur sine die sakemm jigi deciz dak l-appell.*

"*Dr Refalo jopponi ruhu ghal din it-talba.*

"*Il-Qorti tilqa` t-talba ta` l-attur nomine u thalli l-kawza sine die.*"

"Fl-udjenza tat-**<u>30 ta` April 2013</u>**, il-Qorti tal-Appell iddifferiet sine die l-appell tal-konvenuti mid-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Gunju 2012 riappuntabbli fuq talba ta` wahda mill-partijiet.

"Fit-**<u>30 ta` Ottubru 2013</u>**, l-appell tal-konvenuti mid-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Gunju 2012 kien dikjarat dezert.

"Ir-rikors tal-lum kien prezentat fit-**<u>12 ta` Gunju 2014</u>**.

"**III. <u>Dritt</u>**

"**<u>L-Art 964(1) tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

"*Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita sine die jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid :*

"*Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija.*

"Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Marzu 2014 fil-kawza "**<u>Gernot Knoess</u> <u>et vs The Attorney General et</u>"**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

"*The filing of the application within the six-month period is sufficient to avoid desertion even if the case is not re-appointed for hearing within that time. However, this will not apply if the application is rejected because of some irregularity or other valid reason ; in that case the applicant will have to file a new, correct, application within the original six-month period. If it were otherwise, the mere filing of an ill-founded application will suspend the desertion indefinitely, which is absurd and was certainly not the intention of the legislator. The same can be said when the application is allowed under a condition. To say that this would suspend the running of time for desertion indefinitely until it pleases the applicant to observe the condition would in effect mean that the applicant would be allowed to prolong indefinitely the time within which he is to comply with the conditions set out in the re-appointment decree. This will defeat the purposes of the institute of desertion, which is meant to avoid delays due to failure by plaintiff to pursue his case diligently. The correct interpretation is that, if an application for re-appointment is allowed subject to applicant's observing some condition (as in the present case), the applicant must satisfy that condition within the original the six-month limit unless the court for good reason – such as when the time between the delivery of the decree and the expiry of the time is unreasonably short – directs otherwise. Failing that, the case will be deemed deserted.*"

"**IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

"Fil-kaz tal-lum, irrizulta li kienu **<u>tnejn</u>** is-sitwazzjonijiet fejn il-kawza thalliet *sine die.* Fiz-zewg kazi, il-kawza thalliet *sine die* wara talba tal-attur noe.

"L-ewwel kaz kien bhala konsegwenza tad-digriet ta` din il-Qorti tat-**<u>22 ta` Marzu 2012</u>** wara rikors tal-attur noe tat-13 ta` Marzu 2012.

"It-tieni kaz kien fit-**<u>30 ta` Ottubru 2012</u>** wara talba verbali tal-attur noe.

"Fl-ewwel kaz, it-talba tal-attur noe kienet cara u daqstant iehor kien car id-digriet ta` din il-Qorti.

"Gara pero` illi minkejja dak li talab l-attur noe fir-rikors tieghu tat-13 ta` Marzu 2012, minkejja dak li pprovdiet il-Qorti fid-digriet taghha tat-22 ta` Marzu 2012, u minkejja li l-proceduri tal-arbitragg go Franza kienu ghadhom mhux

konkluzi, l-attur noe **xorta wahda** pprezenta rikors fil-11 ta` Settembru 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex terga` tirriappunta l-kawza ghas-smigh, liema talba kienet milqugha bid-digriet taghha tas-27 ta` Settembru 2012.

"**Ghal din il-Qorti, bl-agir tieghu, l-attur noe ddecieda minn rajh li ma jibqax joqghod mad-digriet taghha tat-22 ta` Marzu 2012 fejn dak id-digriet kien jittratta t-thollija tal-kawza *sine die.* Il-konferma li hekk kien il-kaz tohrog mill-fatt illi meta l-Qorti - kif talab l-attur noe stess - appuntat mill-gdid il-kawza ghall-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012, l-attur noe rega` talab li l-kawza tibqa` *sine die* din id-darba mhux aktar minhabba l-pendenza tal-proceduri arbitrali ta` Franza, izda minhabba l-appell li kien intavolat mill-konvenut mid-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Gunju 2012. Ghal din il-Qorti, dan l-*iter* ifisser li llum ma jistax l-attur noe jistrieh aktar fuq id-digriet tat-22 ta` Marzu 2012, billi dak id-digriet, wara talba tal-istess attur noe, kien definittivament superat mid-digriet tat-30 ta` Ottubru 2012 fejn il-kawza thalliet *sine die* ghat-tieni darba. Li jfisser li l-attur noe kien marbut b`dak li jipprovdi l-Art 964(1) tal-Kap 12.**

"Il-fatti juru li ghad illi l-appell tal-konvenuti mid-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Gunju 2012 thalla *sine die* mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta` April 2013, u billi hadd mill-partijiet ma talab li dak l-appell jigi riappuntat, l-appell mar dezert fit-30 ta` Ottubru 2013. Billi skond id-digriet ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2012 il-kawza thalliet *sine die* sakemm jigi deciz l-appell fuq id-digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Gunju 2012, u billi l-appell mar dezert fit-30 ta` Ottubru 2013, is-sitt xhur biex terga` tigi riappuntata l-kawza skond l-Art 964(1) tal-Kap 12 skattaw propju mit-30 ta` Ottubru 2013 u sa gheluq is-sitt xhur minn din l-ahhar data, ma dahlet l-ebda talba ghar-riappuntament tal-kawza kif irid l-Art 964(1) tal-Kap 12 ; ghalhekk l-attur noe kien inadempjenti.

"Il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li t-talbiet tal-attur noe kif dedotti fir-rikors tieghu tat-12 ta` Gunju 2014 huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-Art 964(1) tal-Kap 12 hija disposizzjoni ta' ordni pubbliku. Ghalhekk in-nuqqas ta` opposizzjoni tal-konvenuti ghat-talbiet kif dedotti ma tinnewtralizzax il-perentorjeta` tat-termini stabbiliti mil-ligi. Fil-fatt l-inosservanza tad-dettami tal-ligi tista` tigi sollevata u dikjarata mill-Qorti stess *ex ufficio* ukoll jekk il-parti l-oħra ma topponix it-talbiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-5 ta' Jannar, 2015, li permezz tal-istess dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur noe appellant kif kontenuti fir-rikors tat-12 ta' Gunju, 2014, u billi minflok tilqa' l-istess u ghalhekk tiddikjara illi l-kawza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi ma hijiex dezerta ghaliex ghadu ma skadiex iz-zmien kontemplat fl-artikolu 964(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew ghaliex ma ghaddiex it-terminu kontemplat fid-digrieti taghha tat-22 ta' Marzu, 2012 u tat-12 ta' Gunju, 2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati Superjuri ta' Malta sabiex jiehu l-passi kollha mehtiega biex il-kawza terga' titqieghed fuq il-lista tal-kawzi pendenti jew illi ghad iridu jigu decizi u kull pass iehor xieraq ghal dan il-ghan u dan skont il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi."

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi issottomettew li din il-Qorti ghandha tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-iter procedurali li wassal ghal dan ir-rikors jinsab deskritt fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti hawn riprodotta. Fil-qosor jirrizulta li b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2012, l-ewwel Qorti, fuq talba tal-attur, iddifferiet il-

kawza bejn il-partijiet sine die sakemm jigi deciz finalment l-arbitragg gewwa Franza. Il-konvenut appella minn dan id-digriet. Pendenti dan l-appell, l-attur, inspjegabbilment, ressaq rikors ghar-riappuntament tal-kawza. L-attur, din id-darba, wara li qal li l-proceduri ta' arbitragg fi Franza kienu ghadhom ghaddejjin, talab li l-kawza terga' tmur sine die sakemm jigi deciz l-appell. L-appell tal-konvenuti mar dezert fit-30 ta' Ottubru, 2013, li jfisser li r-rikors ghar-riappuntament tal-kawza kellu jsir sal-ahhar ta' April, 2014. Peress illi ma sarx rikors fi zmien utili, il-kawza giet dikjarata dezerta.

L-attur qed jappella u jsostni li t-tieni digriet tal-ewwel Qorti ma kellux effett li jhassar l-ewwel digriet, peress li dan l-ewwel digriet ma giex imhassar espressament.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attur. L-ewwel darba, hu veru, il-kawza giet differita sine die pendenti l-ezitu tal-arbitragg fi Franza, izda meta sar appell minn dak id-digriet, l-attur stess talab ir-riappuntament tal-kawza ghas-smiegh. Issa hu minnu li appell jissospendi l-effetti ta' decizjoni tal-ewwel Qorti, pero`, f'dan il-kaz, il-konvenut li ressaq appell ma talabx ir-riappuntament tal-kawza, li baqghet sine die nonostante l-appell. Kien l-attur stess li instiga r-riappuntament tal-kawza, u b'dan il-mod waqqa' l-effetti tal-ewwel digriet. Hekk graw l-affarijiet. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li l-attur talab li l-kawza "*terga'*" tmur sine die, u dan, ovvjament, ghax ma baqghetx.

Din it-tieni darba, l-attur talab biss li l-kawza tithalla sine die sakemm jigi deciz l-appell tal-konvenut.  X'kien f'mohh il-konvenut mhux rilevanti, ghax il-verbal, kontinenti t-talba relattiva, hu li hu u, kif inhu maghruf, verbal tal-parti fl-atti tal-kawza jorbot lill-parti bis-sahha ta' kwazi-kuntratt gudizzjali (ara **Debono v Debono** deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 1953), aktar u aktar meta dak il-verbal/talba jkun konfermat b'digriet tal-Qorti.

Dan ifisser li talba ghar-riappuntament tal-kawza kellha ssir fi zmien sitt xhur mit-30 ta' Ottubru, 2013, kif iridu l-artikoli rilevanti tal-ligi procedurali.  Ir-rikors ma sarx fi zmien utili, u l-kawza ghandha, ghalhekk, titqies li marret dezerta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur nomine billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu mill-attur nomine appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------